MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 163/2009

**Medserv Operations Ltd.**

**vs**

**Il-Bastiment An Capall Ban.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-bastiment intimat An Capall Ban (IMO No 403298) datat 20 ta' Frar 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi dan il-mandat t'arrest huwa frivolu u vessatorju, u m'ghandux jibqa *in vigore* ghar-ragunijiet suesposti; b'hekk l-intimati qed jipprotestaw ruhhom formalment kontra l-esponenti, u jirrizervaw d-dritt taghhom illi jiehdu azzjoni legali ghad-danni kollha subiti;

Illi jekk il-mandat ta' arrest se jibqa *in vigore*, l-intimat se jbati pregudizzju irrimedjabbli, punt stabbilit fil-gurisprudenza nostrana.

Illi dan peress illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-bastiment konvenut, u ghalhekk il-Bastiment intimat mhux il-legittimu kontradittur, u ghandu jigi liberat minn l-osservanza tal-gudizzju. Meta l-Bastiment inghata s-servizzi in kwistjoni, il-Bastiment intimat kien taht kuntratt ta' kiri, liema kuntratt, fil-gergo marittimu huwa maghruf bhala *'Time Charter Agreement'* u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan il-mandat. Kien il-kerrej ossia s-socjeta` estera MPD International illi ngaggat lis-socjeta` rikorrenti sabiex taghmel ix-xoghlijiet in kwistjoni. Filfatt, minn informazzjoni illi ghandu l-bastiment intimat, jidher illi kienu ghaddejjin xi negozjati bejn ic-*charterer* u s-socjeta` rikorrenti sabiex isiru l-hlasijiet, u dan kif evidenzjat minn Dokument, hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A' konsistenti f’korrispondenza fil-forma ta' *e-mail'*,

Illi ghalhekk, f'dawn it-tip ta' azzjonijiet, il-Bastiment huwa personalment responsabbli, fil-kaz odjern il-Bastiment ma jistax ikun personalment responsabbli ghal dejn li kkuntratta terz li m'ghandu ebda relazzjoni mieghu. Filfatt ma gie ezebit ebda tip ta' kuntratt iffirmat mis-sid jew mill-Kaptan bejn il-Bastiment u s-socjeta attrici, ghall-provista tas-*supplies* indikati fir-rikors promotur;

*Inoltre*, *come di fatti* l-bastiment *qua* is-sid jew il-Kaptan, qatt ma rcieva ebda *invoice*, ghas-servizzi dovuti, u qatt ma gie debitament interpellat sabiex ihallas l-istess. Filfatt, din il-pendenza, giet a konjizzjoni tieghu, biss permezz tal-hrug tal-mandat odjern;

Illi din ir-responsabbilta` legali tac-*charterer*, jirrizulta car mit-*Time Charter Agreement*, ezebit mar-rikors promotur, u senjatament klawzola enumerata 3.4, illi tispecifika illi: '*It is agreed that the company may add or remove equipment or may make modifications to the vessel, at the company's expense, so that the vessel is physically suited to performing the types of operations described in sub-*

*clause 3.2'* B'hekk, dawn it-tip ta' servizzi jinkombu fuq ic-*Charterer.*

Illi ghalhekk, il-Bastiment intimat m'ghadux jibqa’ mizmum taht arrest, u dan meta huwa mhux id-debitur; kif jirrizulta b'mod car, ampju u inekwivoku illi huwa m'ghandu ebda responsabbilta` ghal hlas tal-kreditu pretiz mis-socjeta` rikorrenti Medserv;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha li biha ordnat il-hrug tal-mandat odjern;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta’ Marzu 2009.

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata 2 ta’ Marzu 2009 a fol. 10 tal-process fejn esponiet:-

Illi hi giet notifikata bir-rikors tal-bastiment intimat u bl-akbar rispett tissottometti li t-talbiet tal-bastiment ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet dettaljati hawn taht:

1. Illi kif jidher mill-kawzali mresqa fil-mandat ta' arrest kawtelatorju tal-bastiment An Capall Ban, id-dejn jikkoncerna ***"ammont ta' flus dovuti lis-socjeta` rikorrenti ghall-supplies, provvisti, servizzi lil bastiment ghall-manteniment tal-istess bastiment u tal-apparat tieghu u drittijiet ta' agenzija li huma lkoll privileggjati taht artikolu 50 tal-Merchant Shipping Act."***

2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija konsapevoli ghall-ahhar ta' xi tghid il-ligi f’**artikolu 742 (D), artikolu gdid fil-Kap 12** li gie inkorporat bl-emendi tas-sena 2006.

3. **Artikolu 742(D)** jghid fi ftit kliem li *actio in rem* tista’ tigi istitwita kontra bastiment gjaladarba dak li kien ikun responsabbli ghad-dejn *in personam* ikun is-sid jew il-

*beneficial owner*, jew il-*bareboat charterer* tal-bastiment meta tigi intavolata l-azzjoni.

4. IZDA, **artikolu 742(D)** jibda bill-kliem: *"Save for those claims which attract a special privilege in accordance with article 50 of the Merchant Shipping Act and which in terms of article 37 (D) (3) of the said Act, survive the voluntary sale of a vessel by up to one year... "*

5. Illi kif taf din l-Onorabbli Qorti, **artikolu 50** tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili tikkontjeni lista shiha ta' kredituri privileggjati u skont l-**artikolu 37 (D)** dawn ghandhom "*droit de suite*" u cioe` ghandhom id-dritt li jkomplu jmorru wara l-bastiment sa sena wara li dan il-bastiment ikun inbigh - propjament ghaliex huma krediti privileggjati.

6. Hija purament minhabba din ir-raguni li meta saru l-emendi tas-sena 2006 fil-forma tal-**artikolu gdid 742 (D) tal-Kap 12**, li dan l-artikolu bil-fors kellu jibda bil-kliem "*Save for those claims which attract a special privilege...* " li jfisser, li ghal dawk il-krediti li huma krediti privileggjati kreditur jista' jfittex il-bastiment *in rem* irrispettivament minn min ikun responsabbli ghad-dejn inpersonam.

7. It-talba tas-socjeta` rikorrenti hija ghall-pagament lis-socjeta` rikorrenti ta' flejjes dovuti lilha minhabba l-fatt li din kienet issupplixxiet lil bastiment b'konsenji ta' ilma, ikel, *fuel*, materjal u xoghol obligatorju relatat mall- '*health and safety* bhall per ezempju *life rafts u life jackets*, fornimenti ta' provisionjijet ghall-kcina u *appliances*, fornimenti ta' *lube oil*, riparazzjonijiet lil magni, tindif tal-bastiment, u flejjes dovuti lis-socjeta` rikorrenti bhala drittijiet ta' agenzija u nfieq iehor Ikoll kif qed jigu dettaljati permezz tal-iskeda hawn annessa u mmarkata “AF1”. Naturalment dan ser jigi amplifikat waqt it-trattazzjoni tal-kawza fuq il-merti.

8. Illi dawn il-krediti kollha huma privileggjati *ai termini* ta' **artikoli 50**, inkluz **artikolu 50 (g) u 50 (k**) liema artikoli jghidu:

*50. (g) "L-ispejjes maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tieghu, maghduda spejjes ta' provvisti u provizjonijiet ghall-ekwipagg tieghu maghmula wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port".*

*50. (k) "Drittijiet ta' agenzija tal-bastimenti dovuti ghall-bastiment wara l-ahhar dhul tieghu fil-port skont it-tariffi tal-port, u kull infieq maghmul matul dak il-perijodu li ma jgawdix privileggi fil-paragrafi (a) sa (i) ghalkemm f'kull kas ghal somma totali ta' mhux izjed minn erbat elef unit.*

9. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet hi l-agent tal-bastiment kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati “AF 2” u “AF 3”.

Ghalhekk u kif jidher b'mod car hawn fuq, is-socjeta` rikorrenti kellha kull dritt li tohrog mandat ta' arrest kontra l-bastiment An Capall Ban. Is-socjeta` rikorrenti kienet fil-mandat stess indikat li d-djun kienu privileggjati *ai termini* ta' **artikolu 50** u kieku s-socjeta` rikorrenti kienet hadet hsieb tikkonsulta l-**Kap 12** flimkien ma’ **artikolu 50** kienet tirrejalizza mmedjatament li ma ghandha ebda dritt li titlob li il-mandat ta' arrest jigi revokat. Ghalhekk u bl-akbar rispett lejn il-bastiment intimat li intavola r-rikors odjern, huwa r-rikors odjern tal-bastiment intimat li huwa vessatorju u li qed jahli l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet premessi qed jigi sottomess bl-akbar rispett lejn l-awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti li din ghandha tichad it-talbiet tal-bastiment intimat bl-ispejjes.

Rat id-dokumenti annessi mar-risposta tas-socjeta` rikorrenti a fol 12 sa fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta’ Marzu 2009 u tat-12 ta’ Marzu 2009 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghall-24 ta’ Marzu 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija talba sabiex jigi revokat mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-Bahar Numru 275/09 fl-ismijiet "Medserv Operations Ltd. vs Il-Bastiment An Capall Ban" ghall-ammont hekk indikat rappresentanti ammont ta' flus dovuti lis-socjeta` Medserv Opeations Ltd ghall-*supplies,* provvisti, servizzi lil bastiment ghall-manteniment tal-istess bastiment u tal-apparat tieghu u drittijiet ta' agenzija li huma Ikoll privileggjati taht **artikolu 50 tal-Kap 234 – Att dwar il-Bastmenti Merkantili.**

Illi din it-talba qed ssir peress li l-Bastiment qed jghid li l-bastiment mhux responsabbli ghall-hlas ta' l-istess servizzi, ghaliex dawn huma dovuti mic-*charterer* (kerrej), cioe' MPD International li effettivament ordnat l-istess servizzi u dan huwa wkoll ikkonfermat minn klawsola 3.4 tal-istess *"Time Charter Agreement"* li ghalih kien suggett il-bastiment meta inghataw l-istess provisti, b'dan li huwa l-kerrej li huwa responsabbli ghall-istess u huwa ghalhekk la s-sid u lanqas il-bastiment ma jistghu jigu mitluba jhallsu l-istess ammont u b'hekk humiex il-legittimi kontradditturi fl-istess mandat.

Illi in effetti jirrizulta li l-mandat odjern jirrizulta li hareg in konnessjoni ma' spejjez u provisti li sabiex jinzamm tajjeb il-bastiment u l-apparat tieghu inkluzi spejjez ta' provisti u provizzjonijiet ghall-ekwipagg maghmula wara li bastiment dahal Malta, skond **artikolu 50 (g)** u drittijiet ta' agenzija skond id-disposizzjonijiett tal-**artikolu 50 (k) tal-Kap. 234,** li huma kkonsidrati bhala krediti garantiti bi privilegg specjali li ghandhom *droit du suite* kif indikat fl-**artikolu 37D (3) tal-Kap. 234,** u b'hekk l-istess privilegg jibqa' jissussisti fuq il-bastiment sa sena wara li l-istess jinbiegh.

Illi jirrizulta li skond l-**artikolu 742 D tal-Kap. 12** fil-kazijiet imsemmija fl-**artikolu 742 B (d) sa (y)** tista' ssir azzjoni *in*

*rem* biss kontra dak il-vapur fejn il-persuna responsabbli fi pretensjoni ghall-azzjoni tkun fid-data meta nholqot il-kawza s-sid jew nollegatur ta' jew kellha fil-pussess taghha il-vapur, u jekk fiz-zmien meta ssir il-kawza l-persuna rilevanti tkun is-sid jew sid beneficcarju tal-vapur, jew noleggattur taht *bareboat charter,* izda dan kollu huwa provdut *"Hlief ghal dawk il-kazijiet li jigbdu fuqhom privilegg specjali skond l-artikolu 50 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li skond l-artikolu 37D (3) tal-istess Att, jibqghu jsehhu l-bejgh volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgh...".*

Illi b'hekk din il-Qorti thoss in vista ta' din it-terminologija u la darba l-kreditu pretiz huwa wiehed minn dawk privilegjati taht l-**Kap 234**, mela allura s-socjeta' rikorrenti setghet tohrog l-istess mandat ghaliex l-*actio in rem* baqghet tissussisti kontra l-bastiment.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' Medserv Operations Ltd datata 2 ta' Marzu 2009, **tichad it-talbiet tal-Bastiment intimat An Capell Ban fir-rikors tieghu datat 20 ta' Frar 2009** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq msemmija f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-bastiment intimat An Capall Ban.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------